**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

**Il-Ħamis 19 t' Awwissu 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **31.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| **31.1.1** | Xejn |
| **31.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| **31.2.1** | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 29 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **31.2.2** | Is-Sin. Janice chetcuti ikkumentat dwar minuta 29.3.1 Fejn qalet li intbgħatula diversi filmati u ritratti il-Ħadd filgħaxija u t-Tnejn filgħodu rigward skart.Għalkemm is-sindku kien infurmat u tkellem mal kolettur tal-ġbir tal-iskart il-problema tal-iskart li jinxtered mat-triq qed tippersisti b'detrement fuq is-sidien tan-Negozji fit triq tax-Xatt. Hi talbet li tittieħed azzjoni immedjata. Intbgħatet ukoll email lid-direttorat fejn apparti li intbghatu ir-ritratti u l-filmati, ġie spjegat li residenti saħansitra kellhom joħorġu jitfgħu bramel bl-ilma biex titaffa ir-riħa insapportabbli. |
| **31.2.3** | Is-Sin Janice Chetcuti ikkumentat re minuta 29.3.4, fejn semmiet li kellha tintbghat ittra lis-sidien tar-ristoranti. Is-Sindku qal li din intbghatet pero ghada ma ttiħdietx azzjoni. Hi żiedet tgħid li innutat li kien hemm xorta numru ta skips disorganizzati. |
| **31.2.4** | Is-sin Janice Chetcuti ikkumentat ukoll re minuta 29.5.1 fejn talbet li tiġi iċċarata li is-sinjur li jgħamel manutenzjoni fuq il-gaġġeġ ikollu timeframe ta ħamest ijiem u jekk ikun il-bżonn jitlob permess ieħor. |
| **31.2.5** | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 29 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **31.2.6** | **Kummenti dwar il-Minuti tal-laqgħa ta' Emerġenza** |
| **31.2.7** | Kopja tal-minuti tas-seduta b'Emerġenza numru 30 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| **31.2.8** | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta b'emerġena numru 30 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **31.2.9** | **Nota**: Is-Sur Daniel Zerafa daħal ghal-laqgħa fl-16:27 |
| **31.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| **31.3.1** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit 3 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-Perit Zerafa ta' Infrastructure Malta, fejn marru jduru xi wesgħat u fetħiet biex jaraw x`hemm bżonn isir bħala linji u central strips etc. |

| | |
|---|---|
| **31.3.2** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-9 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma Stephen Zammit GHRC rigward poles u signage li jistgħu jitwaħħlu fil-lokal ta` Marsaxlokk. |
| **31.3.3** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-12 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat attendew għal laqgħa ġewwa L.E.S.A rigward CCTV's li ser jitwaħħlu ġewwa Xatt is-Sajjieda u postijiet oħra fil-lokal. |
| **31.3.4** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-16 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma Mario Fava ġewwa l-A.K.L rigward il-Binja tal-Kunsill, u l-car park u l-Football ground. |
| **31.3.5** | Is-Sindku informa l-Kunsilliera prezenti li fis-17 t`Awwissu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa ma' Stephen Zammit GHRC fejn għaddewlu xi ritratti ta postijiet storici u mportanti li ser jitwaħħlu mal-poles u signage fil-lokal ta` Marsaxlokk. |
| **31.4** | **Tender tal-Bandli:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif illum ġiet evalwata it-Tender tal-bandli u din intrebħet mill-kumpanija Gokker. Kienet l-irħas offerta u ser jitkompla il-proċess. Din it tender saret sabiex jiġi faċilitat il-proċess tat-tiswijja minħabba li l-equipment jiswa il-flus u dan dejjem jeċċedi l-ammont ta tlett stimi. |
| **31.5** | **Ħmieġ tas-sajjieda.** Is-Sindku spjega li għalkemm is-sajjieda mhux jitfgħu l-iskart fil-baħar qed ikun problema għaliex issa qed jitħalla hemm. Is-Sindku propona li tintalab għajnuna mill-Fisheries u tiġi diskussa din il-problema. Is-Sur Daniel Zerafa ippropona li jsiru kaxxi b'separator għall kull item, injam, plastic ġablo etc u tiġi migbura mill Wasteserv. Is-Sindku hawn qal li allura jkun jaqbel li jinġiebu l-iskips kif propost mill-ERA u saqsa jekk iridux, peress li hemm il probabbilta li jibda jintrema skart domestiku. |
| **31.6** | **Tabelli tal-Annimali.** Ġiet diskussa ukoll ordni li saret ta tabelli għall-annimali fejn is-Segretrju Eżekuttiv spjega lis-Sur Daniel Zerafa li hu bħala kunsillier ma jistax jordna tabelli f'isem il-kunsill, iżda jagħmel talba. Daniel qal li peress li dawn qatt ma ġew ordnati, hu ħa il-biċċa f'idejh u xtara 10 tabelli minn butu. Is-Sindku qallu li l-irċevuta li waslet il kunsill kienet ta għoxrin u għalekk ma kienetx tajba. |
| **31.7** | **Imwejjed u Siġġijiet**. Rigward imwejjed u siġġijiet is-sur Daniel Zerafa issuġerixxa li jsiru infurzar sabiex ma jibqax ikun hemm abbuż. Hu saħaq li għandhom jitqabdu gwardjani li jitħalsu sabiex iħarku. Is-Sindku spjega kif dan ma jistax isir minħabba struzzjonijiet li hemm mill ministeru. Apparti min hekk is-sindku saħaq li hemm il-liġi u jissejħu huma. Daniel irribatta billi qal jeħtieġ li tittieħed bis serjeta il-biċċa u l-kunsill iħallas sabiex ma jibqax isir ksur. Is-sindku spjega li l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jonfoq finanzi meta dawn immirati lejn il binja tal-Kunsill. |
| **31.8** | **Master plan.** Hemm pressjoni minħabba il-monti ta' matul il Ġimgħa. Is-Sindku spjega kif jekk titwessa il-bankina jonqos il-parking ta' max-xatt. Is-Sindku reġa tenna kif kien sar qbil preċedentement dwar fi xhin u min jarma; cioe, Filgħodu ma jarma ħadd mal-baħar mill-pjazza |

| | |
|---|---|
| | sa fejn l-iskuna u l-biċċa l-oħra ħadd ma jgħarma il ġgurnata kollha. Il-biċċa tal-Monti jibqa il-monti u jiġi stabbilit ħin meta jżarma sabiex ikunu jistghu jgħarmaw tar-ristoranti.<br>Is-sinjura Janice staqsiet jekk illum sid ta ħanut qed joħroġ l-imwejjed u bil-masterplan ma jkunx jista, x'ser tkun l-ispjegazjoni? Is-sindku spjega kif bil-Masterplan kulhadd ikun l-istess.<br>Is-sinjura Janice staqsiet ukoll hux possibli li Pedestrian ikun filghodu ukoll, ikun hemm slots fejn vannijiet jidħlu jħottu jew jgħatu servizz biex b'hekk kulhadd ikollu cans li jopera mingħajr ma jtellef lil ħadd. Is-Sindku qal li diffiċli minħabba problemi oħra.<br><br>Is-Sur Stephen Caruana qal li ħabba il-monti ta' matul il-ġimgħa ħafna bejjiegħa saqsew dwar xi skema u talab biex jitkelmu mal-Ministru. |
| **31.9** | **Jum Marsaxlokk.** Is-Sindku qal li fil fehma tiegħu dan aħjar ma jsirx peress li l-affarijiet għadhomx mhux sew. Elenia talbet li isir xi ħaġa semplici b'nies limitati kif għamlu lokalitajiet oħra, sabiex ma jerġgħux jitilfu iċ-ċans. Daniel qal li peress li ma kienx hemm attivitajiet ma hemmx rikonixximenti x'taghti. Sar qbil li dan il jum ma jsirx. |
| **31.10** | **Triq il-Labour:** Ġew preżentati il pjanti li ser jiġu diskussi mal-Perit**.** |
| **31.11** | **Bankijiet.** Ser isiru fejn jixtiequ in-nies |
| **31.12** | **Agreement ma Marsaxlokk Football Club.** Is-Sur Daniel Zerafa ġibed l-attenzjoni rigward il ftehim ir-rampa. Din għanda tibqa fid-dominju tal-Kunsill u ser ikun qed jieħu ħsieb f'każ li l-privates jidħlu fil-parkeġġ. L-Agreement jiġi emendat. |
| **31.13** | **Bins ta' max-xatt.** Ser issir laqgħa mal-kuntarttu sabiex jitranġa l-agreement dwar it-tindif u tbattil ta dawn il-Bins. |
| **31.14** | **Ċint tal-Magħluq.** Ċint ser jitneħħa b'talba mis-Sajjieda peress li dan qed ikun ta xkiel għalihom. L-iskop taċ-ċint kien biex jilqgħa l-ħmieg u ċ-ċaqlieq li jitla fuq l-art. |
| **31.15** | **Mistoqsijiet mil-Kunsilliera** |
| **31.15.1** | Is-Sinjorina Elenia Desira staqsiet lis-Sindku għaliex dan naqas milli jattendi l-attivita' mal-President. Is-Sindku wieġeb li ma setax jattendi peress li kien hemm missieru l-isptar rikoverat. |
| **31.15.2** | Is-Sinjura Janice Chetcuti staqsiet jekk is-siġra li hemm fejn ser issir tisbieħ hux ser tibqa hemm. Is-Sindku irrisponda li din iva ħa tibqa hemm. |
| **31.15.3** | Is-Sinjura Janice Chetcuti ressqet ilment mingħand resident li għandu il-ġenituri tiegħu tnejn anzjani u jgħixu f'din il parti tat-triq li qed tinqala. Ħaddiema li kienu fuq il-post qalu lil dan ir-resident, li l-Kunsill ma jridx li jidħlu nies f'din il parti tat-triq. Is-Sindku spjega li triq għada qed issir u il-bankina biss tlestiet. Ġara li kif infetħet biex ikunu jistgħu jgħaddu telgħu bil-vetturi fuq il bankina b'riżultat li xxelfet il-bankina. |

| | |
|---|---|
| **31.15.4** | Stephen Caruana staqsa dwar tal-ħut jekk hux ser jittieħed vot. Peress li din ma kienitx f'l-aġenda sar qbil li tiġi diskussa fil laqgħa li jmiss. |
| **31.16** | **Financial Statements 2020** |
| **31.16.1** | Is-Sur Adrian Mifsud għadda kopja printed u għamel spjegazzjoni dettaljata tal-Finanzi. |
| **31.17** | **Quarterly Financial Report 2-2021** |
| **31.17.1** | Is-Sur Adrian mifsud spjega kif dan ir-rapport qed ikopri l-ewwel sitt xhur. Dwar id-dhul u l-ħruġ finanzjarju. Rapport tajjeb |
| **31.17.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv talab vot fuq iż-żewġ rapport fejn kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti. |
| **31.18** | **Planning Authority** |
| **31.18.1** | Xejn |
| **31.19** | **Kunsiderazzjoni U approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| **31.19.1** | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| **31.20** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| **31.20.1** | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6.30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru 2021, fl-4:30pm |

Konfermati, illum 23 ta' Settembru 2021

**IFFIRMATA**

________________________
Steven Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

_________________________
Charles Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv